Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,472, 28 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 354 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (f) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Nursing**: (i) temmew b'suċċess test bbażat fuq il-valuri, iżda għad-dħul f'Ottubru 2020 biss, l-applikanti li għandhom l-MCAST-BTEC Extended Diploma in Health and Social Care (Health Studies) jew l-MCAST Advanced Diploma in Health Sciences, flimkien mal-kwalifika tal-MCAST fil-Livell 5 fil-Health Sciences għandhom ikunu kkunsidrati li ssoddisfaw kemm ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul kif ukoll it-test bbażat fuq il-valuri.

(ii) L-applikanti li m'għandhomx ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu jidħlu fil-Kors jekk ikunu kisbu s-60 krettu ECTS tal-Kors Preparatorju relatat b'mod speċifiku għan-Nursing kif imniżżel f'Appendiċi I ma' dawn l-ordinamenti. L-applikanti huma meħtieġa li jlestu l-Kors Preparatorju eżatt qabel ma jibda il-Kors. Ir-rekwiżiti għad-dħul u għat-tmiem b'suċċess tal-Kors Preparatorju huma mniżżla f'Appendiċi I ma' dawn l-ordinamenti;"

Iż-Żieda tal-Appendiċi I mal-ordinamenti prinċipali

4. L-Appendiċi I li ġej għandu jiġi anness mal-ordinamenti prinċipali:

"**APPENDIĊI I**

Il-Kors Preparatorju

1. Biex wieħed jidħol għall-Kors Preparatorju fil-qasam ta' studju tan-Nursing, l-applikanti huma meħtieġa li jkollhom wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) għaddew bi Grad 3 jew aħjar fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja f'sitt suġġetti, li jinkludu l-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika; jew

(b) għaddew fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja f'sitt suġġetti, li jinkludu: il-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika u, jew il-Bijoloġija jew is-Saħħa u l-Ħarsien Soċjali, filwaqt li jkunu għaddew ukoll f'xi suġġett ieħor fil-Livell Avvanzat; jew

(ċ) minn Ottubru 2021 'il quddiem, l-MCAST-BTEC Extended Diploma in Health and Social Care (Health Studies) jew l-MCAST Advanced Diploma in Health Sciences, jew ekwivalenti.

2. L-applikanti huma wkoll meħtieġa li ma jkollhomx inqas minn 18-il sena fi żmien tliet xhur mid-data meta jibda l-Kors Preparatorju.

3. Matul l-ewwel semestru tal-Kors Preparatorju, l-applikanti aċċettati jkunu meħtieġa wkoll joqogħdu għal *occupational health assessment*, biex ikun aċċertat li huma tajbin għad-dmirijiet relatati mal-istudji tagħhom. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit jistgħu ma jitħallewx ikomplu bl-istudji tagħhom. Jekk ma tiġix żvelata informazzjoni dwar xi problema ta' saħħa fiżika jew mentali li tista' taffettwa s-sigurta' ta' pazjent din tkun ikkunsidrata bħala ksur serju tar-Regolamenti tal-Università dwar Kompetenza għall-Prattika.

4. Il-Kors Preparatorju għandu jikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS u għandu jestendi fuq perijodu ta' sena studju *full-time*.

5. Suġġett għall-bidliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors Preparatorju li qed isegwu.

6. L-istudenti jiġu kkunsidrati li temmew il-Kors Preparatorju b'suċċess jekk jiksbu l-kretti kollha kif indikat fil-programm ta' studju u jiksbu marka medja ta' 55%.

7. Il-provvedimenti rigward l-assessjar, il-progress u t-tmiem b'suċċess tal-Kors Preparatorju, u xi provvedimenti oħra li mhux imniżżla f'dan l-Appendiċi ma' dawn l-ordinamenti għandhom ikunu dawk stipulati fir-Regolamenti Prinċipali u japplikaw *mutatis mutandis*."